*l-artikolu 41(10) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta - fil-każ odjern jirriżulta li t-Tribunal li ta d-deċiżjoni fl-ewwel istanza kien sedenti fil-bini tal-Qorti f'Għawdex, u għalhekk ir-rikors tal-appell kellu jiġi intavolat fir-Reġistru tal-Qorti ta' Għawdex - minkejja dan, il-Qorti ma tarax li hemm lok fejn ir-rikors tal-appell għandu jiġi annullat, u dan għaliex minkejja li l-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri t-tnejn li huma residenti f'Għawdex, mill-atti mhux ċar f'liema gżira kellha tiġi eżegwita l-obbligazzjoni - il-Qorti għamlet dak kollu li huwa fil-mansjonijiet tagħha biex takkomoda lill-appellanti li qajmu din l-eċċezzjoni, u semgħet it-trattazzjoni tal-appell bil-mezz elettroniku - għaldaqstant ċertament li m'hemmx lok fejn din il-Qorti tiddikjara li mhijiex kompetenti biex tisma' dan l-appell*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 4/2022 LM

**Stephanie Difesa**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Lilian Vella – Deluxe Bathrooms**
*('l-appellanti')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Lilian Vella** - **Deluxe Bathrooms,** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanti'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal

Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-4 ta' Novembru, 2022, wara li l-intimati ħassewhom aggravata bid-deċiżjoni li huma għandhom jirrifondu s-somma ta' €2,158.86 lir-rikorrenti **Stephanie Difesa** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], u bid-dritt li jieħdu lura l-aċċessorji mertu tal-kawża wara li jsir il-ħlas.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti ressqet l-ilment tagħha quddiem it-Tribunal wara li hija kienet xtrat mingħand l-intimati aċċessorji u *fittings* tal-kamra tal-banju bil-prezz ta' €2,158.86, u dawn bidlu l-kulur tagħhom minħabba korrożjoni, kif ukoll ma kinux tal-kwalità pattwita. L-intimati kienu qablu li jbiddlu dawn l-aċċessorji ma' sett ieħor, iżda meta saret il-kunsinna tal-aċċessorji l-ġodda, ir-rikorrenti sabet li dawn kellhom kulur differenti minn dawk oriġinarjament mixtrija minnha.

3. Quddiem it-Tribunal ġew esebiti messaġġi telefoniċi u ritratti in sostenn ta' dak li qiegħda tallega r-rikorrenti. Min-naħa tagħha l-intimati wieġbu li l-aċċessorji mixtrija mir-rikorrenti kienu nbidlu u r-rikorrenti kienet aċċettat il-proposta tagħha li dawn jiġu mibdula.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-4 ta' Novembru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-intimati għandhom tirrifondu lura lir-rikorrenti l-prezz tax-xiri tal-aċċessorji in kwistjoni, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidra*

*Illi rriżulta mill-provi illi fis-16 ta' Marzu, 2019, ir-rikorrenti xtrat aċċessorji għal kamra tal-banju u dan kif jirriżulta aħjar mill-*invoice *esebit numru 2181. Hemm qbil bejn il-partijiet illi dawn l-aċċessorji, li kellhom għaxar snin garanzija ġralhom il-ħsara u fil-fatt ir-rikorrenti kienet lesta li taċċetta l-proposta tal-ażjenda intimata biex dawn jinbidlu għal sett ġdid. Wara seba' xhur tistenna, is-sett ġdid wasal. Però jidher illi l-kulur tas-sett il-ġdid kien* gold *fl-isfar u ma kienx dak li xtaqet ir-rikorrenti u għalhekk hi ma aċċettatx il-proposta. Dan kollu huwa korroborat mill-messaġġi li ġew esebiti mill-intimata stess.*

*Illi r-rikorrenti xtrat aċċessorji b'kulur partikolari ħafna* – rose gold – *li huwa differenti għal kollox minn* gold *normali. Dawn kienu difettużi. Għalkemm kienet lesta li taċċetta li dawn jinbidlu u kienet lesta wkoll li taċċetta ftit differenza fil-kulur, ma kinitx lesta li taċċetta li l-kulur jinbidel għal kollox. Xtaqet sett ġdid li jixbaħ dak li kellha qabel. Jidher però illi s-sett il-ġdid ma kienx fuq ir-roża u kien* gold *isfar. Għalkemm jista' jkun veru li l-ażjenda intimata kienet lesta li tbiddel is-sett kollu għal wieħed ġdid, dan ma jfissirx illi r-rikorrenti kellha taċċetta kulur li ma riditx. Il-prodotti li nxtraw oriġinarjament kienu taħt garanzija u ġialdarba dawn kienu bil-ħsara, kellha kull dritt tieħu flusha lura mill-ewwel. Il-fatt li aċċettat li tbiddel is-sett għal wieħed ġdid ma jfissirx illi għandha taċċetta kulur li ma xtaqitx. Meta* si tratta *ta' kamra tal-banju u ta' aċċessorji, il-kulur, għalkemm soġġettiv, huwa rekwiżit importanti ħafna u fattur determinanti. Fin-nuqqas ta' konformità, ir-rikorrenti kellha d-dritt li tittermina l-kuntratt.*

*It-Tribunal jinnota wkoll illi ħadd ma deher għall-ażjenda intimata meta hekk imsejjaħ biex jidher.*

*Wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrenti għandha raġun fl-ilment tagħha.*

*Għal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna l-intimata/ażjenda intimata tirrifondilha s-somma ta' €2,158.86. Bi dritt tal-intimata/ażjenda intimata li tieħu lura l-aċċessorji mertu tal-kawża wara li jsir il-ħlas. Bl-ispejjeż kontra l-istess intimata/ażjenda intimata."*

**L-Appell**

5. Permezz tar-rikors tal-appell imressaq mill-intimati fit-18 ta' Novembru, 2022, huma talbu lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' l-appell u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata. L-appellanti spjegaw li huma ma kienux imsejħa biex jidhru quddiem it-Tribunal biex jispjegaw il-pożizzjoni tagħhom wara li kienu ġiew infurmati li ma kienx hemm ġudikatur biex jisma' l-kawża. Qalu li għalhekk huma ma kienux f'pożizzjoni li jressqu d-difiża u l-provi tagħhom.

6. L-appellanti qalu wkoll li meta l-appellata ċemplitilhom u infurmathom bl-ilment tagħha, huma kienu nfurmawha li kien ser ikollha tibdel is-sett kollu għaliex huma kienu biddlu s-sistemi tagħhom. Kienu nfurmawha wkoll li l-kulur kien ser ikun differenti mill-ewwel sett mixtri minnha. L-appellata kienet aċċettat din il-proposta u għalhekk ġie ordnat is-sett il-ġdid. Meta saret il-kunsinna, l-appellata aċċettat l-oġġetti kkunsinnati u anki ffirmat id-*delivery note,* iżda ġurnata wara kienet infurmat lill-appellanti li l-kulur tal-oġġetti ikkunsinnati ma kienx tal-istess kulur bħall-ewwel ordni. L-appellanti qalu li huma dejjem kienu ċari mal-appellata u qatt ma ħbew dawn il-fatti minnha.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. Min-naħa tagħha l-appellata wieġbet billi eċċepiet li din mhijiex il-Qorti kompetenti biex tisma' r-rikors tal-appell intavolat mill-appellanti, u sostniet li dan l-appell kellu jiġi intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri)(Għawdex). Qalet ukoll li dan huwa appell frivolu u vessatorju għaliex id-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma, filwaqt li l-aggravji mressqa mill-appellanti

għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-appellanti. Qalet li skont l-artikolu 21(1) tal-Kap. 378, it-Tribunal għandu jaqta' l-kwistjonijiet li jkollu quddiemu skont l-ekwità, filwaqt li kwistjonijiet ta' preskrizzjoni għandhom jinqatgħu skont il-liġi. Qalet li hija ma tistax tifhem għal liema raġuni l-appellanti jgħidu li hija ma kinitx notifikata, meta kienet hija stess li attendiet għas-seduta quddiem it-Tribunal.

8. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellata qalet li għandu jirriżulta mill-provi prodotti li t-talbiet tagħha huma ġustifikati. Qalet li l-provi qatt ma ġew kontradetti b'xi mod, u hija ġabet provi inkonfutabbli li l-oġġetti li waslu għandha ma kinux tal-kwalità pattwita. L-appellata qalet ukoll li f'dan l-istadju, l-appellanti ma jistgħux jippretendu li jiftħu l-provi mill-ġdid, partikolarment fejn dawn ma tressqux quddiem it-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Qabel tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellanti, il-Qorti qabel xejn sejra tindirizza l-eċċezzjoni sollevata mill-appellata li din il-Qorti mhijiex kompetenti biex tisma' dan l-appell, għaliex r-rikors tal-appell kellu jiġi intavolat fir-Reġistru tal-Qorti f'Għawdex. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 41(10) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid:

> "Meta l-qorti tal-appell tkun ser tisma' appelli mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza inferjuri tagħha jew minn sentenzi jew deċiżjonijiet ta' xi bord jew tribunal mogħtija minn dak il-bord jew tribunal meta joqogħdu f'Għawdex, dik is-seduta għandha ssir fil-bini tal-Qrati ta' Għawdex, u għall-finijiet ta' dawk l-appelli r-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandu wkoll ikun ir-Reġistru tal-Qorti tal-Appell."

10. Fil-każ odjern jirriżulta li t-Tribunal li ta d-deċiżjoni fl-ewwel istanza kien sedenti fil-bini tal-Qorti f'Għawdex, u għalhekk ir-rikors tal-appell kellu jiġi intavolat fir-Reġistru tal-Qorti ta' Għawdex. Minkejja dan, il-Qorti ma tarax li hemm lok fejn ir-rikors tal-appell għandu jiġi annullat, u dan għaliex minkejja li l-partijiet involuti f'dawn il-proċeduri t-tnejn li huma residenti f'Għawdex, mill-atti mhux ċar f'liema gżira kellha tiġi eżegwita l-obbligazzjoni. Mill-messaġġi telefoniċi li ntbagħtu bejn il-partijiet u li jinsabu esebiti fil-proċess, tissemma l-Imtarfa li qiegħda f'Malta, u tingħata l-impressjoni li l-appellanti kienu disposti li jiġbru minn hemmhekk l-aċċessorji tal-kamra tal-banju li kellhom jinbidlu. Din il-Qorti għamlet dak kollu li huwa fil-mansjonijiet tagħha biex takkomoda lill-appellanti li qajmu din l-eċċezzjoni, u semgħet it-trattazzjoni tal-appell bil-mezz elettroniku. Għaldaqstant ċertament li m'hemmx lok fejn din il-Qorti tiddikjara li mhijiex kompetenti biex tisma' dan l-appell.

11. B'riferiment għall-aggravju sollevat mill-appellanti li huma ma kienux notifikati bl-avviż tas-smigħ tal-proċeduri li saru quddiem it-Tribunal, il-Qorti tirrileva li l-appellanta kienet nnotifikata bil-proċeduri quddiem it-Tribunal, kif jirriżulta mill-*pink card* esebita fil-proċess. Jirriżulta wkoll mill-verbali fil-proċess, li l-appellanta dehret għall-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2021, fejn instemgħet ix-xhieda tal-appellata, u fejn il-kawża ġiet differita għall-għeluq tal-provi tal-appellata u għall-provi tal-appellanti, filwaqt li l-avukat difensur tal-appellanti obbligat ruħha li ttella' lil Matthew Vella sabiex jixhed fis-seduta ta' wara. Għaldaqstant mhux minnu li jingħad li l-appellanti ma kienux infurmati bis-smigħ, u ma kelliex tingħata l-impressjoni li l-proċeduri quddiem it-Tribunal inżammu fl-assenza tal-appellanti, meta jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-appellata

tat id-depożizzjoni tagħha fil-preżenza tal-appellanta. In vista ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

12. It-tieni aggravju tal-appellanti huwa marbut mal-mertu, fejn jgħidu li huma kienu infurmaw lill-appellati li l-kulur tal-*fittings* il-ġodda, kien ser ivarja minn dak tal-*fittings* oriġinarjament mibjugħa lilha. Il-Qorti mhijiex ser tidħol fil-mertu ta' x'kien miftiehem bejn il-partijiet, għaliex l-evalwazzjoni ta' dawn il-provi diġà saret mit-Tribunal, u dan wasal għall-konklużjoni li l-appellanti kellhom jirrifondu l-prezz tal-oġġetti li rriżultaw difettużi meta kienu għadhom koperti bil-garanzija. Dan huwa l-aktar mod ekwitattiv kif kellhom jiġu deċiżi dawn il-proċeduri, u huwa għalhekk li din il-Qorti sejra tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal fl-intier tagħha.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**